# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 184/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jimmy (Gerolamo) Buhagiar**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jimmy (Gerolamo) Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 345677M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-25 t' Awwisu, 2015 fil-hinijiet ta' bejn 16:30hrs u 19:30hrs u fl-4 ta' Settembru, 2015 bejn l-10.00hrs u l-17:00hrs tas-Sibt 5 ta' Settembru 2015 irrifjuta li jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu lil Charmaine Buhagiar hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' April, 2016 li biha sabet lill-imsemmi appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta mill-prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' April, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' April, 2016, konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni, konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-udjenza tal-lum, l-appellant irtira l-ewwel aggravju u l-ewwel talba tieghu ghat-tahsir tas-sentenza appellata u ghalhekk jifdal biss it-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata li izda dwarha

ma hemm l-ebda aggravju u wisq anqas ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Din il-Qorti semghet lill-parte civile tixhed illi llum il-gurnata l-kwistjoni bejn il-partijiet, li kienet wahda komplessa hafna, hija rizolta b'ffirmar ta' kuntratt ta' separazzjoni u li l-access tal-minuri llum il-gurnata huwa wiehed regolari u seren;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni tal-parte civile illi llum il-gurnata is-sitwazzjoni hija wahda serena;

4. Minkejja dan, u minkejja dak li ser isegwi, din il-Qorti tqis bhala gravi hafna sitwazzjoni fejn wahda mill-partijiet tirrifjuta li taghti access ghall-minuri aktar u aktar meta dan l-access ossia n-nuqqas tieghu ikun abbinat ma' xi kwistjoni pekunari jew piki bejn il-partijiet. In-nuqqas ta' access johloq ansjeta kbira fuq il-partijiet kollha b'mod partikolari ghat-tfal u xejn anqas lil dan jew dik il-genitur li tkun fid-dlam dwar il-wild tieghu jew taghha;

5. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.